MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 169/2004

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti kellhom relazzjoni u kienu jghixu flimkien, minn liema relazzjoni huma kellhom zewgt itfal u cioe’ E D, li twieldet fit-23 ta’ Mejju 1994 u dan skond certifikat tat-twelid anness u mmarkat ‘Dok. A’ u sussegwentement kellhom lil F D [recte: F], li twieldet fis-6 ta’ Dicembru 1999 u dan skond certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. B.

Peress illi l-konvenut m’ huwiex qieghed jikkontribwixxi b’ risq l-istess minuri.

Peress illi l-attur ilu ma jikkontribwixxi b’ risq il-minuri sa minn Jannar 2004.

Peress illi l-kontendenti m’ ghadhomx jghixu flimkien izda l-minuri baqghu jghixu ma’ l-attrici ommhom.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E D u F D f’ idejn l-attrici.

2. Tistabbilixxi retta alimentarja mensili spettanti lill-minuri E D u F D.

3. Tordna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja lill-istess minuri liema retta alimentarja tkun pagabbli sa mill-ahhar ta’ Jannar 2004.

4. Tordna li r-retta alimentarja hekk iffissata tigi dedotta mis-salarju tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma jsib l-ebda oggezzjoni ghall-ewwel talba attrici, bil-kundizzjoni illi huwa jibqa’ jkollu access liberu ghal uliedu, kif ghandu prezentement.

2. Illi l-eccipjenti jirrikonoxxi l-obbligu tieghu illi jmantni lil uliedu, kif dejjem ghamel, u ghadu qed jaghmel prezentement, izda dejjem sal-livell illi jippermettulu l-mezzi finanzjarji tieghu, kif ser jigi spjegat f’ aktar dettall fid-dikjarazzjoni annessa ma’ din in-nota.

3. Illi l-eccipjenti ilu jmantni lil uliedu sa mit-twelid taghhom, u ghalhekk it-tielet talba ghandha tigi michuda stante illi l-eccipjenti qeda d-dmirijiet tieghu ta' hlas tal-manteniment, dejjem skond il-mezzi tieghu, tempestivament.

4. Illi r-raba' talba mhix gustifikata skond il-Ligi stante illi l-eccipjenti dejjem mantna lil uliedu skond il-mezzi tieghu, izda effettivament, mhix opposta sakemm il-manteniment ordnat ikun fattibbli fic-cirkostanzi finanzjarji ta' l-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja taz-zewgt-it tfal minuri tal-partijiet, kif ukoll sabiex tiffissa retta alimentarja douvta mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghal uliedhom.

**Kwadru tal-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li minn relazzjoni twila li kellhom il-partijiet, twieldu zewgt-it tfal, E u F, fit-23 ta' Mejju 1994 u fis-6 ta' Dicembru 1999 rispettivament. Sfortunatament it-tifla F twieled b' dizabilita' li tirrikjedi operazzjoni kirurgika barra minn Malta kull tant zmien ma' l-izvilipp taghha. F' Dicembru 2003 ir-relazzjoni ntemmet, u minn dak in-nhar l-konvenut waqaf jghaddi manteniment lill-attrici; filwaqt li t-tfal, li dak iz-zmien kellhom disa' [9] u erba [4] snin rispettivament, baqghu jghixu ma' l-attrici, b' access liberu favur il-konvenut.

Sussegwentement fil-mori tal-proceduri, il-konvenut beda jvversa, u ghadu jivversa, lill-attrici s-somma ta' Lm60 fil-gimgha bhala manteniment ghaz-zewg ulied.

Illi mill-atti jirrizulta li llum ma tezisti ebda vertenza rigward it-talba ta' l-attrici li tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tfal, kif ukoll rigward il-modalita' ta' l-access; u l-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-quantum tal-manteniment li l-konvenut ghandu jghaddi lil martu ghaz-zewg uliedu.

*Verzjoni attrici*

Illi l-attrici tghid li meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom l-konvenut kien waqaf jghaddilha manteniment, u kien biss fil-mori tal-kawza li beda jivversa mensilment l-imsemmija somma ta' Lm60. Hija tghid li kien "ghamel xi zmien ma kien qed jaghtini xejn."[1] u llum qed tippretendi manteniment ta' Lm100 fix-xahar ghat-tnejn.

L-attrici tispjega li hija tirrinkorri f' hafna spejjez minhabba t-tfal taghhom, rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha taghhom; kif ukoll minhabba l-interventi kirurgici, li jsiru barra minn Malta, fuq t-tieni tarbija. Iz-zewgt-it tfal imorru l-iskola privata ta' St.Monica. Hija tghid li, ghalkemm tiehu l-assistenza socjali u c-children's allowance, il-manteniment ta' Lm60 fix-xahar huwa nadegwat, bir-rizultat li jkollha tissellef minghand il-ġenituri taghha, u anke tal-konvenut, kif ukoll minghand xi hbieb.

L-attrici tghid li f' xi zmien hi kienet taghmel xoghol "informali" sabiex thallaq ma' l-ispejjez, billi hadmet part time bhala salesgirl f' hanut, u anke bhala waitress u xoghol fil-bar f' restaurant, u dan bl-ghajnuna tan-nanna materna li kienet zammitilha lit-tfal waqt li hi kienet tkun xoghol.

Tghid li hi ma tantx tista' tahdem, kemm minhabba s-sitwazzjoni tat-tifla F, kif ukoll peress li hi trid tiehu hsieb id-dar.

Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena 2007 l-assistenza socjali mhallsa lill-attrici kien ta' Lm30.67 fil-gimgha[2]; kif ukoll

[1] Fol.29
[2] Fol.90 sa 92 u 95

Lm17.98 fil-gimgha children's allowance[3]: b' kollox Lm48.65 fil-gimgha, ammontanti ghal Lm194.6 fix-xahar.

Illi rigward l-affarijiet li kienu nxtraw ghad-dar meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien, hija tghid li whud minnhom kienet hallsithom hi, u ohrajn kien hallashom habib tal-konvenut li kienu jafu bis-sitwazzjoni finanzjarja prekarja taghhom; u pprezentat ir-ricevuti relattivi.

*Verzjoni tal-konvenut*
Il-konvenut jghid li huwa jaqla' paga bazi ta' Lm270 fix-xahar li, bil-part time job li qed jaghmel fil-prezent izda li mhux garantit, jitla' ghal Lm305; minn dan l-ammont jirid ihallas il-bolla u t-taxxa. Huwa jghid li, minhabba l-loans li ghandu, l-ammont ta' Lm270 ma jippermettilux ilahhaq ma' l-ispejjez li ghandu, u ghalhekk huwa f' pozizzjoni li jhallas mhux aktar minn Lm20 fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu.

Huwa jispjega li ghandu s-segwenti spejjez rikorrenti: Lm125 fix-xahar rigward il-loan mal-HSBC, Lm41 fix-xahar fuq il-loan li ghandu mad-ditta Paul & Rocco rigward il-van li xtara, Lm15 fix-xahar rigward loan mal-Bank of Valletta, u Lm15 fuq il-visa card.

Illi fil-kontro ezami tieghu, il-konvenut spjega li l-attrici kienet telqet "ma wiehed Scotland u hallietni biz-zewg-it tfal dak iz-zmien." Sussegwentement huwa kien iltaqa' ma' tfajla russa u kien ha grazzja maghha bir-rizultat li kien ha loan ta' Lm3,500 minghand l-HSBC biex ikun jista' jgibha tghix Malta, u li din il-loan ghadu jhallasha.

Illi rigward it-tifla F jghid li d-dizabilita' taghha ma timpedihiex milli tghix hajja normali, tant li din tmur l-iskola u hija tifla fuq taghha. Jghid ukoll li l-attrici hi kapaci tahdem kif jirrizulta mill-provi, u ma hemmx ostakolu serju li jimpediha milli tohrog tahdem fuq bazi regolari biex tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedhom.

## Konsiderazzjoniijet tal-Qorti

3 Fols.92 u 93

Illi jigi osservat li huwa d-dmir fil-ligi taz-zewg genituri li dawn jikkontribwixxu ghall-manteniment, ghalkemm fi grad differenti tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-partijiet. Il-manteniment huwa stabbilit tenut kont tal-bzonn tal-persuna li qed titolbu, kif ukoll tal-mezzi, ossia l-introjtu, tal-persuna li minnha huwa dovut.

Illi fil-meritu, il-Qorti tosserva li rebus sic stantibus l-introjtu tal-konvenut jippermettilu jhallas manteniment ta' Lm70 fix-xahar ghaz-zewg ulied; filwaqt li tosserva wkoll li, tenut kont tal-fatt li t-tfal, li llum ghandhom erbatax [14] u tmien [8] snin rispettivament imorru l-iskola, u wkoll il-fatt li t-tifla l-kbira hija ta' eta' li tatiha grad ta' ndipendenza, kif wkoll il-fatt li rrizulta mill-provi li fil-passat l-attrici kienet sabet l-ghajnuna ta' ommha f' dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehema li l-attrici, li ghad ghandha disa' u tletin sena [39] tista' tikkontribwixxi finanzjarjament ghall-manteniment tat-tfal billi tahdem barra mid-dar fuq bazi regolari, anke jekk fuq bazi part time.

Illi huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:
[1] Illi l-attrici ma resqitx provi ta' l-allegazzjoni taghha li d-dizabilita' li ssofri minnha F hija ta' ostakolu sabiex hi tkun tista' tahdem barra mid-dar; u, ghalhekk in mankanza ta' provi li juru l-kuntrarju, il-Qorti tati affidament lit-tezi tal-konvenut, fis-sens li din it-tifla tghix hajja normali, salv ghall-operazzjonijiet kirurgici li jkollha tissubixxi minn zmien ghal zmien.

[2] Illi r-raguni moghtija mill-attrici biex ma tahdimx barra mid-dar fuq bazi regolari ghax "trid tiehu hsieb id-dar", hija skuza banali u ma treggix fil-hajja normali tallum fejn hija kwazi n-norma li nisa ta' certu eta' jahdmu barra mid-dar, nonostante li jkunu ghadhom qed irabbu lit-tfal. Multo magis fil-kaz ta' l-attrici li ghandha t-tfal infarfrin fl-eta' : 14 u 8 snin.

[3] Illi l-fatt li genitur jidhirlu li ghandhu jssellef somom ta' flus mill-banek, anke sabiex jaqdi l-kappricci tieghu, ma jintitolahx awtomatikament ghall-manteniment ridott, stante li fid-determinazzjoni tal-quantum tal-manteniment

dovut il-Qorti trid tezamina l-prioritajiet tal-oneri ta' minn bil-ligi huwa tenut ihallas il-manteniment; u per regola, l-ispejjez tal-minuri ghandhom jipprevalu fuq spejjez ohra. Ghalhekk fil-kaz odjern, il-Qorti fil-komputazzjoni taghha tal-manteniment dovut mill-konvenut, skartat bhala spiza attenwanti, is-self kappriccjuz li huwa kien ghamel sabiex igib Malta tfajla russa li kien ha grazzja maghha. Zgur li minn jokrop il-mizerja, kif qed jaghmel il-konvenut f' dan il-kaz, m' ghndux jippermetti lilu nnifsu dawn l-ispejjez inutili.

*Manteniment*
Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li rebus sic stantibus, il-kontribut tal-konvenut ghall-manteniment taz-zewg uliedu minuri ghandu jkun ta' **mija tlieta u sittin Ewro [€163] kull erba gimghat**, pagabbli lill-attrici direttament mill-paga tieghu; inkluzi f' dan il-manteniment hemm l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri, u l-ispejjez medici ta' natura ordinarja.

Illi din ir-rata ghandha tghola kull sentejn skond l-indici ufficjali ta' l-gholi tal-hajja; u l-manteniment ma jibqax dovut malli l-tfal jsiru maggjorenni, jew wara li jghalqu sittax-il sena jekk jibdew jahdmu bi qligh adegwat.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E u F lil ommhom l-attrici, bid-dritt ta' access liberu favur missierhom, il-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba, fis-sens kif fuq stabbilit fil-paragrafu ntestat *"Manteniment";*
[3] tichad it-tielet talba, stante li ma ngabux provi sodisfacenti f' dan ir-rigward;
[4] tilqa' ir-raba' talba u tordna li l-manteniment ta' mija tlieta u sittin Ewro [€163] kull erba' gimghat jigi dedott mill-paga tal-konvenut u jintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzali taghha.

L-ispejjez ta' l-ewwel u tat-tielet talba ghandhom jigu sopportati mill-attrici, filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------